**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tad-9 ta' Gunju 2016

Appell Nru: 546/2013

**Il-Pulizja**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs**

**Mary Spalding**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Mary Spalding, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 27667M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-9 ta' Awwissu 2006, jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, irrendiet ruhha komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali; u

Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, talbet, irceviet jew accettat xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghaliha nnifisha jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li tezercita xi influwenza

mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fl-Artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Dicembru, 2013, li biha, wara li rat l-Artikoli 42, 185 (2) u 121 (A) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Mary Spalding hatja biss tat-tieni akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannatha ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li lliberatha mit-tieni akkuza stante li ma kienitx ippruvata.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mary Spalding, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu talbet lil din il Qorti joghgobha:

a. in vista tad-difetti legali fis-sentenza, joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarha nulla u bla effett u sabiex l-esponenti ma tkunx ipprivata mid-*doppio esame* li l-atti ta' din il-kawza jkunu rimandati lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza mil-gdid, jew

b. joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponenti ma gietx misjuba hatja u tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponenti giet misjuba hatja u tilliberaha mill-piena, jew

c. alternattivament u subordinatament, f'kaz illi s-sejbien ta' htija jkun ikkonfermat, tvarja s-sentenza billi l-piena nflitta tkun piena aktar miti u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat is-sentenza taghha tad-9 ta' Novembru 2015 rigward l-ewwel aggravju tal-appellanta;

Ikkunsidrat:

1. Illi bis-sentenza taghha tad-9 ta' Novembru, 2015, din il-Qorti cahdet it-talba tal-appellanta sabiex is-sentenza in ezami tkun dikjarata nulla u bla effett. Bhala konsegwenza kien deciz illi l-ewwel Qorti kienet sabet htija fl-appellanta fit-tieni imputazzjoni filwaqt illi lliberatha fuq l-ewwel imputazzjoni. Din is-sentenza ghalhekk issa titratta dwar is-sejbien ta' htija fl-appellanta ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni ravvizata fl-artikolu 121A(2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li dwarha l-appellanta kienet kkundannata ghal terminu ta' prigunerija ta' tmien (8) xhur sospizi ghall-sentejn fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9;

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra ssir referenza ghal-verbal tal-appellanta kif registrata fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2015 li permezz taghha irtirat it-tieni aggravju tal-appell. Irid jinghad illi din ir-rinunzja saret wara d-dikjarazzjoni kongunta bejn l-appellanta u l-Avukat Generali li kienu qed jaqblu li s-sentenza appellata hija wahda nulla. Issa la darba din il-Qorti ddecidiet li s-sentenza appellata hija wahda valida, hija tal-fehma illi r-rinunzja kienet prettament marbuta mal-aspettativa ta' nullita' u ghalhekk ser tghaddi xorta wahda ghall konsiderazzjonijiet u decizjoni taghha fuq it-tieni aggravju;

3. Fl-aggravju taghha dwar s-sejbien ta' hitja fuq it-tieni imputazzjoni l-appellanta targumenta illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Fis-sottomissjonijiet mid-difensur taghha, l-abbli avukat izda, ghamlet argumenti li jmorru 'l hinn minn dak maghmula fir-rikors tal-appell iffirmat minn avukat difensur iehor. Dawn ma jistghux issa jkunu konsiderati minn din il-Qorti u ghalhekk is-segwenti konsiderazzjonijiet huma limitati ghall-argument singolari dwar l-apprezzament hazin tal-provi mill-ewwel Qorti;

4. L-appellanta targumenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx legittimament u ragjonevolment ssibha hatja fuq il-provi mressqa b'mod illi l-apprezzament tal-provi ma jistghax jitqies li huwa "safe and satisfactory for a confirmation on appeal". Opportunement, u qabel kull konsiderazzjoni ohra, tajjeb li jkun mfakkar il-monitu assodat fil-gurisprudenza illi mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali li tissostitwixxi id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi u l-konkluzzjoni dwar fatti sakemm ma tkunx konvinta li dik l-ewwel Qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha quddiemha, ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (ara in rigward, fost skorta ta' sentenzi ohra Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996). Principju dan li l-appellanta hija konsapevoli tieghu kif jemergi mill-appell interpost;

5. L-aggravju tal-appellanta huwa maggorment msejjes fuq l-argument illi l-provi kienu jikkonsistu fil-kelma tax-xhud tal-prosekuzzjoni kontra dik tal-appellanta u kien ghalhekk li ma kellhiex tinsab htija kontra taghha. Ezaminati l-atti processwali, jemergi illi fis-sena 2010 l-Pulizija kienet qed tinvestiga hrug ta' licenzji tas-sewqan foloz u kienet identifikat lil certu Mose' Gravina bhala wiehed mill-beneficjarji ta' tali attivita'. Dan tal-ahhar kien stqarr mal-Pulizija illi huwa gia kellu licenzja tas-sewqan fil-kategoriji A u B izda kien avvicinat minn certu Mary ta' Bormla li offriet li tottjenilu zieda tal-kategoriji C u D versu hlas ta' mija u hamsin lira Maltin u wara li

kien ghaddielha din s-somma u l-licenzja valida tieghu, kien ircieva bil-posta il-licenzja mizjuda;

6. L-Ispettur Yvonne Farrugia, assenjata sabiex tinvestiga dan il-kaz kienet kellmet lill appellanta peress illi n-numru tat-telefon fornit minn Gravina kien jappartjeni lilha. Xehedet illi l-appellanta nnegat kull involviment fil-kaz. Kien elevat it-telefon cellulari taghha li fil-fatt huwa esebit in atti pero' ma saru ebda ezamijiet teknici fuqu;

7. Mose' Gravina xehed quddiem l-ewwel Qorti illi meta l-Pulizija kienu staqsewh kif kien ottjena l-licenzja tas-sewqan tieghu, ossia, iz-zieda fil-kategoriji, qal illi madwar erba' snin qabel, allura fl-2006, kien qed jiehu *drink* u kien f'konversazzjoni ma' "wahda" u wriha li xtaq jottjeni licenzja tas-sewqan tat-trakkijiet meta urietu li setghet tirrangalu. Meta rega' ltaqgha maghha ghaddielha l-licenzja regolari tieghu flimkien ma mija u hamsin lira maltin u ftit wara rcieva l-licenzja l-gdida li tinkorpora dik tas-sewqan ta' trakkijiet minghjar ma kien ghadda minn proceduri ohra. In kontro-ezami, dan ix-xhud spjega illi meta sar l-ewwel inkontru mal-appellanta hu kien flimkien mal-ex gharusa tieghu u l-appellanta mal-gharus taghha pero' ma jiftakarx la isem il-bar fejn kienu u anqas isem l-gharus tal-appellanta hlief li minghalih kien jismu Martin u li l-erbgha li huma kienu johorgu ta' spiss flimkien u jiltaqghu ukoll id-dar u kien ilu jaf lill-appellanta ghal madwar tlett snin. Wara li ntemmet ir-relazzjoni mal-gharusa tieghu, Gravina ma baqghax jiltaqa' mal-appellanta u l-gharus taghha u dan ghaliex l-gharus tal-appellanta kien relatat mal-gharusa tieghu. Hu kien ilu f'relazzjoni mal-gharusa tieghu ghal madwar tmien snin izda ma jiftakarx jekk il-kwistjoni tal-licenzja sehhitx fil-perjodu fejn intemmet din ir-relazzjoni;

8. Brian Farrugia, rapprezentant ta' Transport Malta, xehed illi Mose' Gravina kellu licenzja tas-sewqan fil-kategorija A u B, igifieri biex isuq mutur u karozza izda instab li fid-9 t'Awissu 2006 kellu

ukoll mizjuda l-katerogiji C u D minghajr qatt ma thallsu flus ghal dawn il-kategoriji godda u minghajr ma kien ghamel l-ezami ghalihom.

9. Fix-xhieda taghha quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanta qalet illi ilha sitt snin f'relazzjoni mal-partner taghha u gieli f'laqghat tal-familja kien ikun prezenti Gravina izda ma kienetx tkellmu ghaliex l-gharusa tieghu kienet tghir hafna ghalih u kien ikkollhom hafna argumenti bejniethom. Cahdet li qatt iltaqghet f'xi bar mieghu u li kienu jiltaqghu darba fix-xahar u tenniet li r-relazzjoni bejn Gravina u l-gharusa tieghu intemmet f'dak l-istess zmien li kienu bghatu ghaliha l-pulizija. L-appellanta tghid ukoll illi dak iz-zmien Gravina kien icemplilha u jheddidha biex thallihom fil-kwiet ghaliex kienet ser tkisser ir-relazzjoni ta' bejnu u l-gharusa tieghu li ma rieditx titla' tixhed ghaliex hemm xi problema bejn il-familja tal-partner taghha u Gravina dwar tifla li dwarha l-ewwel Qorti ma inghatatx aktar spjegazzjoni. In kontro-ezami l-appellanta spjegat illi qatt ma kienet tkellmet b'dan il-mod mal-pulizija fl-istqarrija taghha ghaliex dakinhar ma setghetx temmen dak li l-pulizija kienet qed tallega fil-konfront taghha. Spjegat illi qatt ma kienet ghamlet rapport lill-Pulizija dwar it-telefonati ta' Gravina sabiex ma tohloqx problemi mal-familja tal-partner taghha;

10. L-appellanta targumenta illi l-ewwel Qorti, rinfacjata b'dan il-konflitt, kellha tghaddi ghal-liberazzjoni taghha u mhux timxi maghha b'mod illi kellha tipprova hi li mhix hatja. Dwar dan tajjeb ukoll illi jkun mfakkar principju iehor importanti li "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*" (ara Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.07.03 u Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006

fost diversi ohrjan). Ezaminati l-provi minn din l-ottika l-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-appellanta kienet l-intermedjarja bejn Mose' Gravina u xi persuna fi hdan Transport Malta jew persuni ohra li kienu vicin ta' persuna fi hdan Transport Malta li mmanipulat is-sistema sabiex tinhareg licenzja aggornata favur l-istess Gravina;

11. Il-lanjanza tal-appellanta li l-ewwel Qorti donnu tefghet l-oneru tal-prova fuqha minflok fuq il-prosekuzzjoni tidher li hi naxxenti mill-fatt illi l-ewwel konsiderazzjoni tal-Qorti kienet dwar l-istqarrija tal-appellanta. Is-sentenza appellata infatti tibda hekk: "*Il-Qorti ezaminat l-istqarrija tal-imputata fejn hija ma kkummentatx ghal-kwazi l-ebda domanda li saritilha mill-ispettur investigattiv*". F'dan l-interrogatorju kienu saru 15-il domanda lill-appellanta li wiegbithom kollha hlief ghal-erbgha minnhom fejn ghazlet li ma tikkummentax u dan wara li ghazlet ukoll illi ma tikkonsultax ma' avukat qabel isir dak l-interrogatorju. Wara dan, l-Qorti ghamlet referenza ghax-xhieda ta' Gravina meta qal li kien ltaqa' mal-appellanta f'zewg okkazzjonijiet. B'hekk l-ewwel Qorti ma tat ebda piz ghal-fatt illi fil-kontro-ezami tieghu Gravina jghid li kien jiltaqa' mal-appellanta ta' spiss. U minkejja li kien jiltaqa' maghha ta' spiss fil-kumpanijia ta' familjari, anqas biss kien jaf x'jisimha hlief li jafha bhala 'Mary ta' Bormla'. Lanqas ma jaf x'jismu l-partner tal-appellanta meta dan kien relatat bi zwieg mal-partner tieghu. L-ewwel Qorti ma tat ebda piz ghax-xhieda tal-appellanta rigwardanti l-allegazzjoni li Gravina ghazel li jipponta subghajh lejha bi tpattija ghal-inkwiet li inqala' bejnu u bejn l-gharusa tieghu;

12. Il-process kollu li wassal ghal-sejbien ta' htija fil-konfront tal-appellanta dwar dan id-delitt gravi jista' jkun sommat fi ftit kliem: Mose' Gravina, identifikat mill-pulizija bhala l-beneficjarju ta' licenzja ta' sewqan falsifikata ddikjara li kien ottjena din il-licenzja billi ghadda mija u hamsin lira Maltin lill-appellanta. Il-pulizija ma

ressqet ebda prova ohra in rigward u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet rinfaccjata mhux biss bic-cahda minn naha tal-appellanta izda b'raguni ghaliex ix-xhud tal-prosekuzzjoni kien qed jipponta subghajh lejha, apparti l-fatt ukoll illi dan ix-xhud ried ipingi stampa li kienet l-appellanta li avvicinatu u li ma kienx jafha hlief bhala Mary ta' Bormla;

13. Dwar cirkostanzi simili, l-artikolu 639 tal-Kapitolu 9 jghid hekk: "*…izda dan l-imputat jew akkuzat jista' jigi misjub hati fuq ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, meta din ix-xhieda tkun korroborata f'xi cirkostanzi li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat, minn provi ohra migjubin skont il-ligi*".

14. Din il-Qorti hi tal-fehma illi x-xhieda ta' Gravina kellha tkun konsiderata b'kawtela kbira sia minhabba li bix-xhieda tal-appellanta kien jokkorri provi ohra, anke jekk cirkostanzjali, biex jikkorroboraw il-verzjoni tieghu kif ukoll minhabba l-inkonsistenzi li rrizultaw fil-kontro-ezami tieghu liema nkonsistenzi kienu jipprestaw kredibilita' ghall-dak li qalet l-appellanta. Din il-Qorti ghalhekk ma tarax li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni li wasslet ghaliha;

15. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun milqugh u konsegwentement filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellanta kienet misjuba mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni, tvarjaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanta hatja tat-tieni imputazzjoni u kkundannatha ghal-terminu ta' prigunerija ta' tmien xhur sospizi ghall-sentejn, u minflok tilliberaha minn kull htija u piena dwar din l-imputazzjoni.